MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1090/2003

**MF Company Limited**

**Vs**

**Guido Agius**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm1,178.74c (elf mija u tmienja u sebghin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu) rapprezentanti diversi oggetti ta’ hardware mixtrija minghand is-socjeta’ attrici.

Illi s-socjeta’ attrici ghalkemm ikkonsenjat l-oggetti kollha msemmija baqghet ma thallsitx.

Illi minkejja illi nterpellat diversi drabi l-konvenut baqa’ ma hallasx.

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll Lm7.00c (seba' liri Maltin) bhala spejjez ta' l-ittra datata 10 ta' Frar, 2003.

Ra n-Nota ta' Riduzzjoni pprezentata fit-28 ta' Gunju, 2004 li permezz taghha s-socjeta' attrici rriduciet l-ammont mitlub bi Lm300.00c (tlett mitt lira Maltin) stante pagament, filwaqt li ddikjarat li l-ammont pendenti issa huwa ta' Lm878.74c (tmien mija u tmienja u sebghin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu).

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenut ihallas Lm878.74c (tmien mija u tmienja u sebghin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu) bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------